# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT
## ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.
## ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.

## Seduta ta’ nhar il-Gimgha 13 ta’ Lulju, 2001

**Numru 6**

**App. Nru. 22/01**

**Gemma Falzon f’isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta’ binha minuri Matthew Falzon**

**vs**

**Stephen Falzon**

Dan hu rikors fl-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija deciza fl-1 ta’ Dicembru, 2000, li bih ir-ritrattand Stephen Falzon talab lil din il-Qorti joghgobha tawtorizza u tordna it-twaqqif ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza appena citata sakemm ikun maghruf l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji li gew istitwiti minnu ghar-ritrattazzjoni ta’ din il-kawza.

Il-Qorti,

Billi llum stess giet determinata t-talba tar-ritrattand ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza, u dana b'ezitu negattiv ghall-istess rikorrent, din il-Qorti sabet li ma kienetx tezisti raguni ghaliex kellha tilqa' t-talba inkwantu ma kienet tokkorri l-ebda motivazzjoni minn dawk elenkati fl-artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Jidher li ma hemmx lok allura ghall-provvediment fuq dan ir-rikors li l-mertu tieghu jista' jitqies li hu ezawrit bis-sentenza tallum.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors. L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent stante li t-talba tieghu ghal smiegh mill-gdid tal-kawza kienet giet minn din il-Qorti michuda.

Dep/Reg

mm